MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2010

Citazzjoni Numru. 49/2006

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta, u qed jitlob hekk:

1. Illi l-attur u l-konvenuta D Zammit izzewgu fir-Registru Pubbliku fit-30 ta' Awwissu 1973, kif jirrizulta mic-certifikat hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

2. Illi l-kunsens ta' l-attur ghaz-zwieg imsemmi inkiseb b' qerq dwar kwalita' tal-konvenuta li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi l-kunsens tal-konvenuta ghaz-zwieg imsemmi kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittjiet u d-dmirijiet essenzjali taghha li, kif ukoll kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghamlitha impossibli ghall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

5. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu fil-ligi;

6. Illi l-esponenti jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati u debitament enumerati;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn premessi l-attur ummilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti iccelebrat fit-30 ta’ Awwissu 1973, kien null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan ai termini ta’ l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta b’ mod generali u b’ mod specifiku a tenur tal-provvedimenti tal-paragrafi (a), (b), (c), (d) u (f) ta’ l-istess Artikolu 19(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha, in sustanza, teccepixxi li z-zwieg taghha ma’ l-attur huwa validu fil-ligi; izda fil-kaz li din il-Qorti ssib li z-zwieg huwa null, dan ghandu jkun ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attur;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-30 ta' Awwissu 1973 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tieghu kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c], dak tal-konvenuta, fit-termini tal-paragrafu [d], u dak tal-partijiet , fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligjiet ta' Malta.

Minn naha taghha, il-konvenuta qeda primarjament tikkontesta t-talba attrici, u in subordine, qed tikkontesta l-htija fil-kaz li din il-Qorti ssib li z-zwieg huwa null.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-attrici, cittadina Maltija, kienet izzewget lill-konvenut, cittadin Ciniz fit-30 ta' Awwissu 1973, meta allura, hi kellha sittax [16]-il sena, u hu kellu 22 sena, u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa sena. Minn dan iz-zwieg tweldu zewgt itfal: fl-10 ta' Frar 1975 u fis-27 ta' Frar 1990. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa ghoxrin [20] sena l-partijiet isseparaw u fil-15 ta' Dicembru 2003 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni.

*Verzjoni Attur*
Illi l-attur jghid li hu kien ilu Malta mis-sena 1971 u kien jahdem bhala kok fir-restaurant China House, fejn hemm kien iltaqa' mal-konvenuta fis-sena 1972. Huwa ma kellux problemi ta' visa u kellu xoghol fiss. F' Awwissu 1973, fuq pressjoni maghmula mill-konvenuta, huwa accetta li jizzewwigha.

Fl-affidavit tieghu jghid li "After five years of marriage, our marriage and sense of communication was completely finished, and we lived totally apart from each other."[1], fix-xhieda[2] tieghu quddiem din il-Qorti jghid li sa l-ewwel

[1] Fol.14
[2] Fol.46 *et seq.*

ghaxar [10] snin, ma kienx hemm problemi fiz-zwieg, u kien sussegwentement, wara li skopra li l-konvenuta, allura martu, kellha relazzjoni extra matrimonjali, li beda l-inkwiet fiz-zwieg. Huwa jilmenta wkoll mill-fatt li wara z-zwieg, il-konvenuta kienet possessiva hafna, u kienet "all the time after my money."

L-attur jghid li llum hu ghandu relazzjoni u jghix ma' mara ciniza.

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta tghid li huma kienu zzewgu bir-rit kattoliku, u l-attur kien anke itghammed sabiex ikun jista' jizzewweg fil-knisja. Tghid li wara z-zwieg qatt ma kien hemm problemi sas-sena 2000 meta hi skopriet li zewgha kien qed ikun infidil lejha ma' mara Ciniza li hu kien dahhal jahdem fir-restaurant tieghu.

Sussegwentement il-partijiet isseparaw; izda sas-sena 2007, l-attur xorta wahda kien imur id-dar fejn kienet tghix il-konvenuta biex jara lit-tfal, jiekol, jixrob u jorqod hemm, sakemm, fuq pressjoni tal-habiba tieghu, ma baqax jidhol gewwa.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi, in vena legali l-Qorti tosserva li z-zwieg in dizamina gie kuntrattat fis-sena 1973, u ghalhekk, qabel ma' dahal fis-sehh l-Att XXXVIII tas-sena 1975; konsegwentement, b' applikazzjoni ta' l-artikoli 35 u 36[2] ta' l-istess Att, il-Qorti ghandha fl-ewwel lok tiddeciedi jekk fiz-zmien tal-kontrattazzjoni tieghu, dan iz-zwieg, kienx validu skond il-Kodici Pio Benedettino; u huwa biss jekk dan iz-zwieg ma kienx hekk validu li l-Att jista' jigi nvokat, u jkun applikabbli l-Artikolu tal-ligi 36 [1], inkluz allura l-artikolu 19 fuq citat u li fuqhu wkoll l-attur qed iserrah l-azzjoni tieghu.[3]

Illi tenut kont tal-kawzali ndikati fir-rikors promotur, dawn nista' jsibu l-bazi legali: fil-kanoni 1082 applikat fid-dawl tad-decizjoni tar-Rota tas-19 ta' Dicembru 1961 li jitratta

[3] App. 80/2005 – Lama vs Lama – 02.10.2007

dwar in-nuqqas tad-discretio judicii; u l-kanoni 1086 li jikkontempla l-kaz tas-simulazzjoni.

Illi fil-meritu l-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta sodisfacentement li l-partijiet, kienu ghamlu zmien twil jghixu kuntenti fil-hajja konjugali sa meta l-konvenuta skopriet ir-relazzjoni extra matrimonjali li l-attur kien dahal fiha fis-sena 1993 ma’ mara Ciniza. Ghalhekk, ghal minimu ta’ ghaxar [10] snin, kif sostnut mill-attur, u ghall-massimu ta’ ghoxrin [20] kif sostnut mill-konvenuta l-partijiet kellhom hajja matrimonjali normali, b’ konvivenza li matulha kellhom zewgt itfal, wahda fi Frar tas-sena 1975 u l-ohra fi Frar tas-sena 1990 u ghalhekk circa sbatax [17]-il sena wara z-zwieg.

Il-Qorti hi tal-fehema li l-provi juru li l-verzjoni tal-konvenuta hija aktar veritiera, inkluzi x-xhieda li jsostnuha. Tant kienet pacifika l-konvivenza matrimonjali, u tant kienet pacifika r-relazzjoni ta’ bejn il-partijiet, li, anke wara li l-partijiet kienu ffirmaw il-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali fis-sena 2003, l-attur kien baqa’ jmur jiekol u jorqod ghand [ izda mhux ma] il-konvenuta sas-sena 2007.

Jidher car li z-zwieg  beda jisfaxxa meta, kif xehdet il-habiba ta’ l-attur, dan dahal f’ relazzjoni maghha fis-sena 1993, liema relazzjoni ghadha sejra sallum.

Illi l-Qorti tosserva li ma jirrizultax provat li fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-konvenuta, jew l-attur, kienu affetti minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew minn xi mpediment iehor li kien ghamilha mpossibbli ghall-konvenuta jew ghall-attur li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kif lanqas ma jirrizulta li l-partijiet issimulaw il-kunsens matrimonjali.

L-assenza ta’ dawn il-capita nullitatis fil-kaz in dizamina tirrizulta b’ mod lampanti u manifes. Il-provi juru li t-tnejn riedu jizzewgu lil xulxin, u taw il-kunsens liberu ghal dan, ikkonvivew flimkien fil-hajja matrimonjali ghal numru kbir ta’ snin li matulhom kellhom zewgt itfal b’ intervall ta’ hamistax-il sena.  Dan juri li t-tnejn kellhom certu

dixxerniment tad-drittijiet u dmirijiet tal-hajja konjugali; u zgur li hadd minnhom, fiz-zmien tal-ghoti tal-kunsens, ma eskluda b’ att pozittiv tal-volonta’ tieghu, obbligu essenzjali ghall-hajja matrimonjali.

Illi ghall-kompletezza jigi osservat li mill-provi ma rrizulta ebda qerq jew ingann dwar xi kwalita’ f’ wahda mill-partijiet li kienet ta’ tfixkil serju fil-hajja konjugali ta’ bejniethom.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici mhijiex gustifikata, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u, ghalhekk timmeD li tigi michuda.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------